# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 4 ta' Novembru, 2024.**

**Numru 33**

**Rikors numru 812/2021 FDP**

**Jojoe Company Limited (C5506)**

**v.**

**Theresa Mizzi u pemezz ta' digriet datat 31 ta' Jannar 2023, l-att tagħha gew trasfuzi f'isem Margo Mizzi u Maria Theresa Mizzi, James Mizzi u Emanuel Mizzi wara l-mewt tagħha u l-Avukat tal-Istat.**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq **mil-Avukat tal-Istat** fit-19 ta' Mejju, 2023 sabiex tinbidel sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-11 ta' Mejju, 2023. F'din is-sentenza appellata ġie deċiż li s-soċjetà appellata ġarrbet ksur tal-jeddijiet tagħha għat-tgawdija tal-proprjetà taħt **l-ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni**

**Ewropea minħabba t-tħaddim l-Artikolu tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta**. Bħala rimedji l-Ewwel Qorti ordnat: (i) kumpens u danni pekunjarji u non pekunjarji kif sofferti mir-rikorrenti Soċjetà *ai termini* tal-liġi fl-ammont ta' erbgħa u erbgħin elf, ħames mija u erbgħa u sittin ewro (€44,564) u fl-ammont ta' tmintax-il elf Euro (€18,000) bħala danni non-pekunjarji, li għalhekk jagħmlu total ta' tnejn u sittin elf, ħames mija u erbgħa u sittin Euro (€62,564) (ii) lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas l-istess kumpens u danni hekk likwidati.

**Daħla**

2. L-fatti li wasslu għal din il-kawża ġew imfissra hekk mill-Ewwel Qorti:

> *«i.'Illi r-rikorrenti hija proprjetarja tal-fond 6, Sqaq San Mikiel, Ħaż-Żabbar, li huma akkwistaw b'kuntratt tat-23 ta' Mejju 1981 fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin, li kopja tiegħu qed jiġi hawn anness u mmarkat bħala "Dokument A".*
> *ii. Illi l-fond in kwistjoni mhux fond dekontrollat kif jirriżulta mid-"Dokument B" hawn anness.*
>
> *iii. Illi l-imsemmi fond ilu mikri lill-intimata Mizzi u l-antekawża minnha għal dawn l-aħħar sebgħin sena b'kera miżera li tul iż-żmien awmentat għal €209.60c fis-sena ai termini tal-Att X tal-2009, b'awmenti tenwi kull tlett snin skond l-ogħli tal-ħajja. termini tal-Att X tal-2009, b'awmenti tenwi kull tlett snin skond.l-ogħli tal-ħajja.*
>
> *iv.Illi kif fuq ingħad, il-kera li l-intimata Mizzi qed tħallas a tenur tal-liġi jammonta għal €209.60c fis-sena, meta l-valur lokatizzju tal-fond fis-suq huwa ferm u ferm aktar minn dak stabbilit bid-disposizzjonijet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, liema disposizzjonijet ġew mibdula bi ftit bl-Att X tal-2009.*
>
> *v. Illi ai termini tal-Ordinanza XVI tal-1944, ir-rikorrenti ma setgħu qatt jikru l-fond in kwistjoni fis-suq stante illi l-kera tar-*

*residenzi ta' fondi li ma kinux dekontrollati ossia li ma jaqgħux taħt id-disposizzjonijiet tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta, u huma regolati bil-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, ma setgħu qatt jiżbqu l-valur lokatizzju ta' dak li l-fond seta' jġib fl-4 ta' Awwissu 1914.*

*vi. Illi ai termini tal-istess liġi bl-emendi li sarulha bl-Att X tal-2009, r-rata tal-kera għandha tiżdied biss darba kull tlett snin b'mod proporzjonali għal mod li bih ikun jiżdied l-Indiċi ta'Inflazzjoni skond l-Artikolu XIII tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar bl-awment li jmiss fl-1 ta' Jannar 2022, liema awmenti huma tenwi għall-aħħar.*

*vii. Illi l-protezzjoni mogħtija lill-inkwilini intimata Mizzi bid-disposizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Att X tal-2009 mhumiex ġusti u ma jikkreawx bilanċ ta' proporzjonalita' bejn id-drittijiet tas-sidt u dawk tal-inkwilina stante li l-valur lokatizzju tal-fond huwa ferm ogħla minn dak stabbilit fil-liġi u għalhekk huma bi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu (6) tal-Konvenzjoni.*

*viii. Illi l-livell baxx tal-kera, l-istat tal-inċertezza tal-possibilità tat-teħid lura tal-proprjeta', in-nuqqas ta' salvagwardji proċedurali, iż-żieda fil-livell tal-għejxien f'Malta f'dawn l-aħħar deċenni u l-interferenza sproporjzonata bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilini ikkreaw piż eċċessiv fuq ir-rikorrenti.*

*ix. Illi r-rikorrenti m'għandhiex rimedju effettiv ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea stante illi hija ma tistax iżżid il-kera b'mod ekwu u ġust skond il-valur tas-suq illum, stante illi dak li effettivament huwa jista' jitlob li jirċievi huwa dak kif limitat bl-artikolu 1531C tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. »*

3. Peress li s-soċjeta' dehrilha li dan kollu seħħ bi ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha mħarsin bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll bl-art.1 tal-Ewwel Protokoll huwa fis-sens li minħabba l-Kap 69, s-Soċjeta' fetħet din il-Kawża u talbet lill-Qorti jogħġobha:

*»(I) Tiddikjara u Tiddeċiedi illi fil-konfront tar-rikorrenti il-fatti suesposti u l-operazzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola l-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini ossija l-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Att X tal-2009, bl-operazzjonijiet tal-Liġijiet viġenti qegħdin jagħtu dritt ta' rilokazzjoni indefinita lill-intimata Theresa Mizzi (K.I. 519946M) għall-fond 6, Sqaq San Mikiel, Ħaż-Żabbar, u dan bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti*

*kif sanċiti inter alia fl-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta), u b'hekk għar-ragunijiet fuq esposti u dawk li ser jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti għandha tingħata r-rimedji kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrulha xierqa fiċ-ċirkostanzi.*

*(II) Tiddikjara u Tiddeċiedi illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għal kumpens u danni sofferti mis-Soċjetà rikorrenti b'konsegwenza ta' l-operazzjonijiet tal-Kap. 69 u l-Att X tal-2009 tal-Liġijiet ta' Malta talli ma nżammx bilanċ u proporzjon bejn id-drittijiet tas-sidt u dawk tal-inkwilina peress illi l-kera pagabbli a tenur tal-liġijiet viġenti ma tirriflettix is-suq u lanqas il-valur lokatizzju tal-proprjeta' in kwistjoni wkoll ai termini tal-Liġi.*

*(III) Tillikwida l-istess kumpens u danni kif sofferti mis-Soċjetà rikorrenti, wkoll ai termini tal-Liġi.*

*(IV) Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas l-istess kumpens u danni likwidati ai termini tal-Liġi, bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tar-rikors odjern sad-data tal-effettiv pagament.*

***Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni ta' l-intimati minn issa għas-subizzjoni**."*
«

4. L-Avukat tal-Istat ressaq it-tweġiba tiegħu, fejn fisser li t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda.

5. B'sentenza mogħtija **fl-11 ta' Mejju, 2023,** il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, wara li qieset il-fatturi u r-raġunijiet kollha caħdet l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-intimat Avukat tal-Istat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deċiż u tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti kif isegwi:

*«**Tilqa'** l-eċċezzjoni dwar responsabbilta' u spejjeż ta' l-intimata Theresa Mizzi, filwaqt illi:*

***Tiċħad** il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tagħha.*
***Tiċħad** l-eċċezzjonijiet kollha ta' l-Avukat tal-Istat fejn jirrigwardaw il-leżjoni ta' l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea*

> *dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kif fuq aħjar deskritt.*
> ***Tilqa'** t-talbiet attriċi kif mitluba, u għalhekk:*
> ***Tiddikjara** illi d-dritt ta' rilokazzjoni kif sanċit fil-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta` Malta jivvjola d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-Artikolu 1 tal-Protokoll nru. 1 tal-Konvenzjoni Ewropea;*
> ***Tiddikjara** illi l-Avukat tal-Istat huwa responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrent minħabba t-telf ta` kontroll, użu u t-tgawdija tal-proprjetà de quo, u l-kumpens dovut lilu, u*
> ***Tillikwida** l-kumpens li għandha titħallas lir-rikorrenti fis-somma ta' erbgħa u erbgħin elf, ħames mija u erbgħa u sittin Euro (€44,564) bħala danni pekunarji u tmintax-il elf Euro (€18,000) bħala danni non-pekunarji, li għalhekk jagħmlu total ta' tnejn u sittin elf, ħames mija u erbgħa u sittin Euro (€62,564) u għalhekk:*
> ***Tordna** lill-Avukat tal-Istat iħallas is-somma ta' tnejn u sittin elf, ħames mija u erbgħa u sittin Euro (€62,564) kif hekk likwidata.:»*

6. L-appellant Avukat tal-Istat, b'rikors imressaq fl-**<u>19 ta' Mejju, 2023</u>,** saħaq li: (i) li l-għandu jkun hemm riduzzjoni fil-kumpens pekunjarju likwidat favur is-Soċjetà appellata u (ii) li l-kumpens non-pekunjarju likwidat mill-Ewwel Onorabbli Qorti huwa esaġerat u għalhekk jimmerita li jiġi ridott.

7. Is-soċjetà **Jojoe Company Ltd** wieġbet għal dan l-appell fit-**<u>28 ta' Ġunju, 2023</u>** u qalet li taqbel mas-sentenza tal-Ewwel Qorti u li hija ġusta u timmerita konferma.

8. Inżamm smigħ f'**<u>sittax (16) ta' Otturbu 2023</u>** u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

9. Qabel ma tqis l-appelli tal-partijiet, din il-Qorti tosserva li ma sar l-ebda appell minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti sabet ksur tad-dritt fondamentali tal-atturi mħarsa taħt artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Din il-parti tas-sentenza

appellata għalhekk illum hija finali.

***Konsiderazzjonijiet:***

10. Din il-Qorti titlaq billi tgħid li l-appell jolqot il-quantum ta' kumpens pekunjajru u non-pekunjarju mogħti mill-Ewwel Qorti. Fil-fehma tiegħu l-Avukat tal-Istat jisħaq li għandu jkun hemm riduzzjoni fil-kumpens mogħti lis-soċjetà u jfisser iż-żewġ aggravji tiegħu hekk:

> *»Li L-Ewwel Onorabbli Qorti kienet żbaljata meta, in kwantu għad-danni pekunjarji, il-perjodu li hadet in kunsiderazzioni ntemm f'April, 2023, meta dan messu ntemm f'Ġunju, 2021 meta dahal fis-sehh L-Artikolu 4A tal-Kap. 69. Konsegwentement, għandu jkun hemm riduzzjoni fil-kumpens pekunjarju likwidat favur is-Soċjetà appellata; u*
>
> *Li l-kumpens non-pekunjarju likwidat mill-Ewwel Onorabbli Qorti huwa esagerat u għalhekk jimmerita li jigi ridott;»*

11. Jissokta jingħad li din il-Qorti taqbel mal-Avukat tal-Istat li jidher li erronjament l-Ewwel Qorti ħadet kont tal-perjodu Mejju 1987 sa April 2023 flok Mejju 1987 sal-1 ta' Ġunju 2021 meta daħlu fis-seħħ l-emendi tal-ligi tal-kera.

12. L-Ewwel Onorabbli Qorti qieset li l-vjolazzjoni li kienet qed ssofri s-soċjetà rikorrenti baqgħet tippersisti u ma ngħatatx il-kera xierqa sakemm ġiet deċiża l-kawza għal awment tal-kera mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-2023. Din il-Qorti ma taqbilx.

13. Fis-sentenza ta' **Monica Magro et vs Louis Cutajar et**[1] intqal:

> *»Fir-rigward tal-perjodu bejn 1 ta' Ġunju 2021 sal-31 ta' Awwissu 2021, l-Ewwel Qorti ma tatx kumpens. Żmien meta r-rimedju mogħti bl-Artikolu 4A tal-Kap. 69 kien diġà disponibbli għar-rikorrenti kieku riedu. Madankollu r-rikorrenti ppreżentaw ir-rikors fl-1 ta' Settembru 2021. Għalhekk li l-pretensjoni tar-rikorrenti għal dak il-perjodu hi bla bażi.»*

14. Il-kawza quddiem il-Bord infetħet f'Diċembru 2021. Għalhekk zgur ma hemmx lok għal kumpens bejn Ġunju u Diċembru 2021. B'żieda ma' dan il-Bord jista' jordna ż-żieda *pendente lite* mid-data tal-ftuħ tal-kawża kif ukoll jordna fis-sentenza li ż-żieda ordnata tapplika minn Jannar tas-sena tal-ftuħ tal-kawża. Jekk dan ma sarx ma jistax jaħti għalih l-Avukat tal-Istat.

15. Għaldaqstant, il-Qorti ser tilqa` l-ewwel aggravju tal-Avukat tal-Istat u tirrevedi l-kumpens sabiex jirrifletti l-perjodu bejn Mejju 1987 sa Mejju 2021.

16. Biex jinħadem il-kumpens dovut għal perjodu relevanti, il-Qorti Ewropeja, fil-każ reċenti ta' **Cauchi v. Malta**, tal-25 ta' Marzu 2021, ipprovdiet illi l-kumpens dovut f'każijiet fejn il-liġi mpunjata ikollha skop leġittimu fl-interess ġenerali, m'għandux jirrifletti l-valur lokatizju sħiħ li kien ikun perċepibbli fuq is-suq liberu.

17. Hekk ukoll, dan gie mfisser f'din is-silta meħuda mis-sentenza ta'

[1] Monica Magro et vs. Louis Cutajar et, Qorti Kostituzzjonali, 25 ta' Ottubru 2023

din il-Qorti tat-12 ta' Lulju 2023 *Agostina sive Ina Cini et vs. L.Avukat tal-Istat et*[2]

> *»F'appelli ta' din ix-xorta fejn il-kwistjoni prinċipali tkun il-kumpens likwidat mill-Ewwel Qorti, u li sfortunatament qegħdin jieħdu ħafna mill-ħin ta' din il-Qorti, il-Qorti ad nauseam ilha tagħmel il-kalkolu tal-kumpens pekunjarju a bażi tal-linji gwida li ngħataw mill-QEDB fis-sentenza Cauchi v. Malta.*
>
> *Jekk wieħed kellu jibbaża l-kalkolu tal-kumpens pekunjarju fuq l-istimi tal-perit tekniku, l-ewwel irid jitnaqqas 30% minħabba l-interess ġenerali fil-protezzjoni li l-liġi tagħti lill-inkwilin.*
>
> *Mill-bilanċ jitnaqqas 20% oħra minħabba l-inċertezza dwar kemm il-fond kien ser ikun mikri għall-perjodu kollu. »*

18. Fil-każ ta' Cauchi, il-QEDB qalet li minn dan irid jitnaqqas ukoll il kera li tħallset/kienet pagabbli mill-inkwilini skont il-liġi.

19. Fid-dawl tal-provi dokumentarji in atti, jiġi kkunsidrat illi:

a. Il-valur totali ta' kera perċepita kien fl-ammont ta' €3,671;

b. Skont il-valur lokatizju indikat mill-Perit Tekniku, ir-rikorrenti Soċjetà mit-30 ta' April ta' sena 1987 sa l-31 ta' Mejju 2021 kellha tipperċepixxi kera fl-ammont ta' €76,070.83 għal dan il-perjodu;

c. Il-kumpens pekunjarju qiegħed għalhekk jinħadem hekk:

€ 76,070.83 – 30% għall-interess ġenerali = € 53,249.58
€ 53,249.58 – 20 % għall-possibbli perjodu mhux mikri = € 42,599.67
€ 42,599.67 - €3,671 kera perċepita kif fuq maħdum = **€ 38,928.67**

20. Din il-Qorti qiegħda għalhekk tillikwida danni pekunjarji fl-ammont

---
[2]

ta' tmienja u tletin elf, disa' mija u tmienja u għoxrin ewro u sebgħa u sittin ċenteżmi **€ 38,928.67**.

21. Fit-tieni aggravju li ressaq l-Avukat tal-Istat, jikkontesta l-kumpens non-pekunjarju likwidat mill-Ewwel Onorabbli Qorti u jgħid li huwa esaġerat u għalhekk jimmerita li jiġi ridott.

22. Dwar dan l-aggravju li ressaq l-Avukat tal-Istat, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ***Joseph Mary sive Joseph Duca et v. Reno Farrugia u Avukat tal-Istat*** deċiża fit-**3** ta' **Frar, 2023** qalet:

> *«li l-liġijiet li jikkontrollaw it-tiġdid tal-kiri ma kinux jgħaxxqu wisq lir-rikorrenti bħala sidien il-kera għaliex dawn il-liġijiet kellhom l-effett li jżommuhom milli jieħdu lura l-post għall-użu personali tagħhom u milli jitolbu l-kera li riedu. Telf ta' qligħ jew ta' flus però mhux bilfors iwasslu għal tbatija, tferfir jew taqtigħ il-qalb. Sensjazzjonijiet dawn, li ġeneralment jitqiesu bħala konsiderazzjonijiet fl-għoti tad-danni morali;*
>
> *Il-qorti tifhem li wieħed għandu jqis dawn is-sura ta' danni meta jeżistu ċirkostanzi fejn it-tiġrib konvenzjonali jwassal għal niket kbir, uġigħ jew tbatija, sew jekk fil-forma fiżika sew jekk mentali. Għallinqas minn kif taraha l-qorti mhux għaliex instab li kien hemm ksur konvenzjonali allura bilfors ġew imġarrba danni morali. Fl-opinjoni tal-qorti d-danni morali għandhom jingħataw biss jekk jintwera bil-provi li dawn tabilħaqq ġew imġarrba;*
>
> *Bħalma d-danneġġjat huwa mitlub jipprova d-danni pekunjarji, hekk ukoll huwa mitlub li jipprova d-danni morali, jekk huwa jkun qiegħed ifittixhom jew jippretendihom. Ir-regoli dwar il-provi tad-danni jgħoddu mhux biss għall-kawżi ċivili normali iżda jgħoddu wkoll għall-kawżi marbuta ma' ksur ta' jeddijiet fundamentali tal-bniedem;*
>
> *Fil-każ tal-lum, għalkemm il-qorti taċċetta li r-rikorrenti, seta' kellhom stennija mxennqa li jdaħħlu aktar flus mill-kiri tad-dar, madankollu b'daqshekk dan ma jfissirx li huma kien ħaqqhom ukoll li jieħdu danni morali għaliex ma għamlux dak il-qligħ. It-telf ta' qligħ huwa fattur li*

*għandu jiġi meqjus fil-kuntest tad-danni pekunjarji iżda mhuwiex fattur li waħdu għandu jagħti lok għall-għoti ta' danni morali. Inkella d-danneġġjat ikun qiegħed jiġi kkumpensat għal darbtejn fuq l-istess ħaġa;*

*Mill-atti tal-kawża ma jirriżultax li l-kontroll fit-tiġdid tal-kera b'xi mod ġab xi tbatija fiżika jew mentali fuq ir-rikorrenti. Ħadd mir-rikorrenti ma tela' jixhed u qal li minħabba l-liġijiet dwar it-tiġdid tal-kera huma kellhom jidħlu f'xi sagrifiċċji finanzjarji jew f'xi tbatijiet żejda…*

*Minkejja dan kollu, il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza* ***Francis Attard v. Avukat tal-Istat*** *deċiża fit-30 ta' Novembru, 2022 qalet li f'sitwazzjonijiet bħal dawn ir-rikorrenti xorta waħda għandhom jingħataw kumpens morali għaliex kif ġie mfisser mill-Qorti Ewropea fis-sentenza* ***Sargsyan v. Azerbaijan*** *tat-12 ta' Diċembru, 2017, «…non-pecuniary awards serve to give recognition to the fact that moral damage occurred as a result of a breach of a fundamental human right and reflect in the broadest of terms the severity of the damage.»;*

23. Hekk ukoll, din il-Qorti tirrileva li l-Qorti Kostituzjonali f'sentenza bl-ismijiet **B. Tagliaferro & Sons Limited vs. L-Avukat tal-Istat et deċiza f'12 ta' Lulju 2023** qalet:

*"Huwa żbaljat l-argument li fil-ġurisprudenza ġiet stabbilita xi regola fissa li l-kumpens non-pekunarju għandu jiġi kkalkolat fis-somma ta' €500 għal kull sena li tkun damet għaddejja l-leżjoni. Il-kumpens non-pekunarju jirrifletti t-tbatija morali li tkun ġiet sofferta mill-vittma minħabba l-leżjoni li tkun ġiet konstatata mill-Qorti, u għalhekk huwa neċessarjament kwistjoni suġġettiva li tiddependi fuq iċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ."*

24. Madanakollu hemm ukoll il-fattur li l-attriċi hija persuna legali hekk kif osservat il-Qorti fis-sentenza ***B. Tagliaferro & Sons Limited vs.Avukat tal-Istat et***[3]

*"Meta tqis iżda illi l-attriċi hija persuna legali u mhux fiżika, u ma tbatix minn "ansjetà" bħalma jbatu persuni fiżiċi, u meta tqis ukoll illi l-attriċi setgħet fittxet ir-rimedju taħt il-Konvenzjoni Ewropea ferm qabel"*

[3] B. Tagliaferro & Sons Limited vs Avukat tal-Istat et, deciza mil-Qorti Kostituzjonali f'26 ta' Ottubru 2022

25. F’dan il-każ, meta wieħed jitfa’ dan kollu fil-qoffa, partikolarment il-fatt li l-ksur konvenzjonali dam għaddej bejn l-1987 u l-2021 u l-fatt li s-Soċjeta’ attriċi ma ressqet l-ebda prova dwar telf ekwikarabli danni morali li setgħa ġarrbet u hija persuna legali, il-Qorti tħoss li kumpens ta’ ħames t’elef €5,000 għandu jkun wieħed biżżejjed bħala danni morali, hekk kif ukoll huwa miżmum skont ġurisprudenza aċċettata;

26. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti sejra tirriduċi l-ammont ta’ danni likwidati f’danni morali ta’ ħamest elef €5,000.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda tirriforma s-sentenza appellata billi:

i. Tilqa’ l-appell tal-Avukat tal-Istat, fis-sens li tħassar is-sentenza appellata fejn illikwidat il-kumpens pekunarju li l-Avukat tal-Istat għandu jħallas lill-attur fis-somma ta’ **€44,564.00** (erbgħa u erbgħin elf, ħames mija, erbgħa u sittin ewro) u, minflok, tillikwida dak il-kumpens fis-somma ta’ **€38,928.67** (tmienja u tletin elf, disa' mija u tmienja u għoxrin ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu)

ii. In kwantu ta` danni morali l-Qorti qed tħassar l-ammont tas-sentenza

appellata fejn illikwidat danni morali ta' tmintax-il elf ewro (€18,000) u minflok tillikwida kumpens non-pekunjarji ta' ħamest elef ewro (€5,000);

iii. Spejjez għas-soċjetà **Jojoe Company Ltd** għax intlaqa' l-appell.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb